**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru 40/2020**

**Il-Pulizija**

**Robert Vella**

**vs**

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**

**Illum 23 ta' Settembru 2022**

Il-Qorti,

Rat lil Aaron Steven Stewart Edward Ritchie ta' 35 sena, bin Edgar Ritchie u Janet Mary xebba Rayner imwieled gewwa Parsmouth, l-Ingilterra, nhar is-17 ta' Frar, 1984 u residenti gewwa l-fond numru 176, Tropicana, Triq Cospiqua, Rahal Gdid. Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 77000L.

Akkuzat talli:

Nhar it-12 ta' Marzu 2018, ghall-habta tas-2 :00 ta' filghaxija minn gewwa stabbiliment sitwat gewwa Triq il- Kbira San Guzepp, San Guzepp, Hamrun ;-

1. Ikkommetta serq ta' zewg mobile phones ghad-dannu ta ; Cherise Bugeja u Chasleen Micallef u/jew ta' persuna/ persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)

2. U aktart alli ksirt il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 li kienu mposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti moghtija mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D. nhar il- 11 ta' Ottubru, 2017, u liema sentenza hija definittiva u ma' tistax tinbidel.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f' kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 10 ta' Settembru 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni;

**Decide:**

**Ghal dak li jirrigwarda l- ewwel imputazzjoni ssib lill-imputat hati taghha,**

**Ghal dak li jirrigwarda t- tieni imputazzjoni l-Qorti ma tistax titratta mal-imputat fuqha stante l-imsemmija sentenza ma gietx ipprezentata f' din il- Qorti.**

**Timponi ordni ta' probation ai termini tal-Artikolu 7tal-Kapitlu 6 ghal perjodu ta' 3 snin mill-lum u treatment order ai termini tal-Artikolu 412D tal- Kap 9 tal-Ligijit ta' Malta biex l-imputat jindirizza l- problema tad-droga tieghu.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**